MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 179/2008/1

**Isabelle Mercieca Frantz**

**v.**

**Fabio Psaila**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-25 ta' April 2008, li jaqra hekk:

"1. Illi minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieldu zewgt itfal – Miguel li ghandu sitt snin, u Zuleika li ghandha sena.

“2. Illi r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet intemmet minhabba l-vjolenza li kien qed juza l-konvenut fil-konfront tal-attrici u ta’ uliedha, kif jirrizulta anki mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta’ Lulju 2007 (Kopja annessa) u fil-fatt l-istess kienet harget garanzija favur l-attrici u uliedha minuri, flimkien ma’ Ordni ta’ Protezzjoni favur l-attrici u uliedha minuri u l-konvenut tqieghed taht ordni ta’ Probation ghal sentejn.

“3. Illi minkejja dan, il-konvenut baqa’ jimmolesta lill-attrici u lil uliedha u jippretendi li jara lit-tfal fi kwalunkwe hin tal-gurnata jew tal-lejl u jinsisti li jarahom fir-residenza tal-attrici u jekk hija tirrifjuta li tiftahlu, sahansitra jillieva l-bieb tar-residenza taghha. L-attrici fil-fatt ghamlet diversi rapporti l-Ghassa tal-Pulizija dwar dawn l-incidenti.

“4. Illi minhabba din is-sitwazzjoni l-attrici kellha titlaq minn darha u ssib rifugju f’Dar il-Ghabex tal-Agenzija Appogg. Illi l-konvenut xorta baqa’ jimmolesta lill-attrici billi tela’ fuq il-bini faccata ta’ Dar il-Ghabex u anki beda jitfa’ affarijiet gewwa l-bitha ta’ Dar il-Ghabex. Ta’ dawn l-incidenti hemm rapporti l-Ghassa tal-Pulizija.

“5. Illi l-konvenut huwa bniedem perikoluz u ma jistax jigi fdat wahdu bit-tfal.

“6. Illi din is-sitwazzjoni qed tippregudika lit-tfal minuri li qed ikollhom jghixu fi stat ta’ biza u tensjoni kontinwa u jassistu ghal xenati kbar.

“7. Illi l-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-ghixien tal-minuri.

“8. Illi minkejja tentattivi sabiex jintlahaq ftehim anke permezz tal-process ta’ medjazzzjoni, baqa’ ma ntlahaq l-ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni.

“9. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.

“Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

“1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Miguel u Zuleika f’idejn l-attrici, b'access taht supervizjoni ghall-konvenut fil-hinijiet u l-granet li tifissa din l-Onorabbli Qorti u taht il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa fl-ahjar interess tal-minuri.

“2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri Miguel u Zuleika skont kif ifissata mill-istess Onorabbli Qorti.

“3. Tiehu dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa sabiex jithares l-ahjar interess tal-minuri Miguel u Zuleika.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunta minn issa in subizzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi l-intimat jaqbel li kellu relazzjoni twila mar-rikorrenti u li minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal, cioe` Miguel u Zuleika;

“2. Illi din ir-relazzjoni wasslet ghal diffikultajiet, stante li r-rikorrenti, kellha suspetti bla bazi dwar l-imgieba fil-konfront taghha min-naha tal-intimat, u dan wara li kienet tisma’ diversi qlajjiet dwaru minn diversi hbieb li kellha jew li ghad ghandha;

“3. Illi l-intimat ghamel zmien twil jghix fl-istess residenza tar-rikorrenti, u dan anke kif jirrizulta mill-karta tal-identita` tieghu, li kienet tindika residenza gewwa Birzebbuga, cioe` r-residenza tar-rikorrenti kif ukoll residenza ohra gewwa l-Hamrun xi zmien qabel.

“4. Illi l-intimat jirrispingi illi kien huwa li beda juza’ xi vjolenza, sevizzi jew molesti ohra fuq l-istess rikorrenti,

u li meta inqalghu argumenti ma kienx ikun huwa stess li jkun kagun tali;

“5. Illi l-intimat jirritjeni illi kull avvicinar li kien jaghmel meta jkun il-kaz li nqalghu argumenti, kien ikun biss meta huwa jipprova jara’ lil uliedu, liema kura u kustodja tal-ulied minuri huma f’idejn ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti diversi drabi u bla ragunijiet dettati minn xi ligi jew raguni valida impediet lill-istess intimat ghal dan l-access, u li kien dan il-fattur li xi drabi fixkel lill-istess intimat fil-hajja tieghu ta’ kuljum;

“6. Illi l-istess ulied minuri qatt ma wrew xi biza jew preferenzi li ma jarawx lil missierhom, cioe` l-intimat u dan kif jistghu jixhdu esperti nominati dwar tfal minuri, kif ukoll l-istess ulied minuri stess;

“7. Illi l-intimat diversi drabi ghad li huwa disokkupat ikkontribwixxa ghal manteniment tal-istess uliedu, u dan kif jistghu jixhdu diversi ufficjali tal-Pulizija fl-ghassa ta’ Birzebbuga fejn kien ikollu access limitat ghal diversi xhur u ghal hin limitatissimu;

“8. Illi waqt seduta ta’ medjazzjoni quddiem il-medjatur Sur Godwin Genovese, l-intimat attenda b’rieda li jittrangaw il-kwistjonijiet pendenti, izda l-atteggjament tar-rikorrenti, kien tali li b’ghajjat u theddid, ma setax ikun li jintlahaq ebda ftehim bejn il-partijiet;

“9. Illi fl-ahharnett, l-intimat jiddikjara illi jekk ikun il-kaz li huwa jibda jkollu introjtu b’salarju jew qliegh regolari, huwa jivversa rati mensili bhala manteniment lill-istess uliedu minnufih;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li b’sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-2 ta’ Novembru 2010, giet regolata u deciza l-kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri u l-access relattiv, liema sentenza nghatat a bazi ta’ ftehim milhuq mill-partijiet u registrat f’Nota konguntiva li

pprezentaw fis-26 ta’ Ottubru 2010, quddiem l-ewwel Qorti;

Rat is-sentenza finali li tat l-istess Qorti fl-1 ta’ Marzu 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“…tilqa’ l-kumplament tat-talbiet attrici, u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici r-retta alimentarja mensili kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata *“Quantum – Manteniment”.*

“L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-ewwel talba diga` giet deciza; u ghalhekk fadal li jigu decizi l-kumplament tat-talbiet attrici, senjatament it-tieni talba li tirrigwarda l-manteniment ghat-tfal minuri tal-partijiet, Miguel li twieled fit-13 ta’ Gunju 2001 u Zuleika li twieldet fit-23 ta’ Frar 2004.

“Illi l-konvenut spjega kif meta huwa gie lura Malta wara li kien serva sentenza ta’ prigunerija fl-Italja, huwa kien sabha difficli sabiex izomm impieg f’ Malta. Jghid li fil-bidu li gie lura Malta huwa hadem ma’ zewg kumpaniji bhala *truck driver*, izda meta dawn semghu li hu kien il-habs huma keccewh. Jghid li ghamel *courses*, fil-*computer*, u qed jaghmel kors ta’ *private guard* ma’ kumpanija tas-sigurta`.

“Il-konvenut jispjega li meta kien jahdem huwa kien jivversa manteniment lill-attrici, izda fil-prezent ma’ jistax ihallas ebda manteniment, stante li la jahdem u lanqas jiehu beneficji jew assistenza socjali. Hu jghix minn fuq dak li jaghtuh hutu, liema verzjoni, fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti tikkunsidra bhala inaffidabbli.

“Illi l-Qorti tosserva li mill-provi mressqa, il-konvenut ma pprovax sodisfacentement li fil-fatt huwa dizaokkupat, jew li m’ghandux mezzi sabiex imantni lit-tfal tieghu.  Kien l-oneru tieghu li, in difett ta’ xi mpediment gravi li kien

ragjonevolment jimpedih milli jiggenera ntrojtu, jipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li hu verament mhux fil-pozizzjoni li jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-manteniment ta' uliedu, *multo magis* fid-dawl tal-principju legali li l-manteniment da parti tal-genituri ghal wild taghhom huwa ta' natura assoluta. Minn naha l-ohra, din il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li meta l-konvenut ikun mizmum fil-habs ghal certu zmien huwa jkunu fl-impossibilita` li jezegwixxi dan l-obbligu tieghu.

*"Quantum – Manteniment*

"Ghalhekk, min-naha 'l wahda, tenut kont tan-nuqqas ta' provi sodisfacenti da parti tal-konvenut li jsostnu t-tezi tieghu li hu m' ghandux mezzi sabiex jadempixxi l-obbligu legali tieghu li jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-manteniment tal-ulied rikonoxxuti minnu bhala tieghu, u min-naha l-ohra tenut kont tal-fatt li l-attrici ghandha tippercepixxi c-*children's allowance* stante li ghandha l-kura u kustodja esklussiva tat-tfal, tikkwantifika, *rebus sic stantibus*, ir-retta alimentarja dovuta mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri, is-somma ta' mija u erbghin [€140] kull xahar ghal <u>kull wild</u>, u tordna li l-konvenut ihallas dan l-ammont mensili lill-attrici, sakemm il-wild issir maggjorenni jew jibda jahdem bi qligh regolari u adegwat; tordna wkoll li fil-kaz li l-konvenut jkun mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ghal aktar minn xaharejn, l-imsemmi obbligu jigi sospiz ghaz-zmien li hu jkun ghamel il-habs wara dan il-perijodu ta' xaharejn."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-1 ta' Marzu 2011, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, billi tvarja l-manteniment jew thassru, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex l-appell jigi michud u s-

sentenza appellata tal-1 ta’ Marzu 2011, tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom f’xi zmien, twieldu zgur zewgt itfal li ghadhom minuri; qed jinghad “zgur zewgt itfal”, peress li f’dak l-istess zmien l-attrici kellha tarbija ohra li l-konvenut, pero`, ma irrikonoxxiex. Il-kawza, f’kull kaz, qed issir fuq iz-zewgt itfal li huma rikonoxxuti mill-konvenut. L-attrici giet fdata bil-kura u kustodja ta’ dawn il-minuri, u din trid manteniment ghalihom minghand il-konvenut. L-attrici ghandha sitt itfal minn diversi rgiel xi tmantni, waqt li l-konvenut ghandu zgur tarbija ohra minn relazzjoni passata. Il-konvenut jghid li jrid jmantni liz-zewg uliedu li twieldu minn relazzjoni li kellu mal-attrici, pero`, peress li ma jahdimx ma jistax jaghmel dan.

L-ewwel Qorti ma qiesitx li l-konvenut hu bniedem affidabbli, u kkundannatu jhallas is-somma ta’ €140 kull xahar ghal kull wild.

Il-konvenut appella mis-sentenza u bhala aggravji ressaq l-argument illi (i) l-attrici qed tircievi beneficcji socjali bizejjed biex tmantni lit-tfal, u m’hemmx bzonn ihallas hu, u (ii) la huwa ma jahdimx, ma jistax jigi kostrett ihallas manteniment.

Din il-Qorti tibda biex tirrimarka li l-ewwel aggravju huwa assolutament bla bazi. Id-dmir li jipprovdi ghall-ulied huwa tal-genitur, u l-istat jidhol biex jaghti l-ghajnuna tieghu f’kaz li l-missier ikun <u>verament</u> mhux maghruf jew ikun <u>verament</u> fl-istat li ma jistax jikkontribwixxi ghal ghixien tal-ulied. L-iStat, pero`, mhux qieghed hemm biex jiehu post il-genitur, u huwa dan li hu <u>obbligat</u> imantni lill-uliedu, anke jekk hemm bzonn, billi jzomm lura minn

spejjez mhux necessarjament mehtiega ghal ghixien tieghu. Min igib it-tfal fid-dinja, mhux biss hu obbligat li jmantnihom, izda huwa obbligat jiskogita mezzi kif imantnihom, u mhux jitfa l-piz fuq ic-cittadini ta' pajjizu! Anzi, jekk l-iStat ikun kostrett ihallas xi beneficci minhabba nuqqas ta' genitur, l-iStat ghandu dritt idur fuq dak il-genitur u jitlob rimbors – il-hlasijiet li qed isiru mill-istat f'dan il-kaz ma jistghux, ghalhekk, jittiehdu a vantagg tal-genitur li hu obbligat, bil-ligi u bil-morali, li jmantni lill-uliedu.

Dwar it-tieni aggravju, il-konvenut jghid li pprova jsib xoghol, izda meta jirnexxielu, wara ftit jitkecca meta s-sid isir jaf bil-passat kriminali tieghu. L-ewwel Qorti kellha okkazjoni li tisma' lill-konvenut jixhed u kkunsidratu "inaffidabbli", u din il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tiddisturba dak l-apprezzament. Ma' kumpanija partikolari ghamel sena u xahrejn jahdem, u l-konvenut ma jidhirx li kkoltiva din l-opportunita`. Wara dak il-perjodu, kien spiccalu zgur iz-zmien ta' *"probation"*, u f'kaz ta' tkeccija ingusta kien ikollu rimedju zgur quddiem it-Tribunal Industrijali! Il-konvenut, pero`, jidher li qatt ma kkontesta b'mod attiv it-"tkeccija" tieghu (kawza wahda li qal li ghamel halliha tmur dezerta) u dan iwassal lil din il-Qorti tahseb li kienet aktar l-imgieba tieghu li wassal ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu, milli xi haga ohra.

Huwa sintomatiku li l-konvenut ma ressaq ebda *ex-employer* tieghu bhala xhud biex jikkorrobora l-istorja tieghu, u din il-Qorti ma tarax li l-konvenut, kieku jrid, mhux kapaci jzomm xoghol. Id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ghamel zmien waqaf ihallas beneficcji lill-konvenut, peress *"he used to be employed";* ma jidhirx li kkontesta l-waqfien tieghu max-xoghol anke mal-Awtorita` kompetenti.

Kif inghad, kull genitur ghandu obbligu li jara' kif imantni lill-uliedu, u jrid jaghmel mezz li jzomm kull tip ta' xoghol ghal dan il-ghan. Il-Qorti taghna gia` espremew ruhhom fis-sens li wiehed ma jistax jahrab minn dan id-dover li missier ghandhu li jmantni lill-uliedu billi jghid li mhux qed jahdem (ara **Bartolo v. Bartolo**, deciza mill-prim'awla tal-

Qorti Civili fis-27 ta' April 1965). Missier irid jiehu dan l-obbligu bis-serjeta` u b'impenn, u din il-Qorti mhux konvinta li fil-kaz tal-konvenut dan hu hekk.

Dwar l-ammont ta' manteniment, din il-Qorti tara' li l-kontribuzzjoni li ordnat l-ewwel Qorti, u cioe`, €140 fix-xahar (madwar Lm60) zgur ma tistax titqies eccessiva ghal tfal ta' sitt (6) snin u sena (1), u zgur li l-omm trid tara' hi minn fejn sejra ggib id-differenza mehtiega ghat-trobbija tat-tfal. Veru li l-konvenut ghandu tarbija ohra xi jmantni, pero`, la gab dawn it-tlett itfal irid jahdem ghalihom, u mhux jippretendi li jerfa' l-piz l-iStat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------